**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 17 ta' Gunju, 2016**

**Talba Nru: 174/16 DMA**

**Bank of Valletta p.l.c**
**C 2833**

**Vs**

**Joachim Muscat**
**(ID. 497657(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-13 ta' Mejju, 2016 fejn is-socjeta' attrici talbet, illi l-konvenut jinsab debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elf, hames mija u sebghin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,570.69), bilanc ghad-debitu fil-'Credit Card Loan Account' tieghu mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok A) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-25 ta' Novembru, 2015, sal-jum tal-pagament effettiv u bl-ispejjez

inkluzi dawk ta' l-Ittra Ufficjali datata 16 t'April, 2013 (Dok B), u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment.

Illi, interpellat sabiex ihallas id-dejn fuq imsemmi, il-konvenut baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din it-talba.

Illi, is-socjeta' attrici qed tipprezenta ukoll Affidavit skont il-Ligi hawn anness u mmarkat Dok C.

Il-konvenut deher personalment u ametta l-ammont kif mitlub u lest illi jhallas dan l-ammont.

It-Tribunal fid-dawl ta' din l-ammissjoni jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lil konvenut ijhallas l-ammont ta' elf, hames mija u sebghin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,570.69), bl-imghax mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez tal-kawza jkunu  a karigu tal-konvenut

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**